MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 281/2006

Il-Pulizija
(Spt. S. Valletta)
vs
Guido Whitelaw
Ikhal Haddawi Ismial
Rueben Xuereb

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

a) f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Lulju 2004 u t-3 ta' Lulju, 2004, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor u cioe' George Borg mill-Furjana f'periklu car, ikkagunaw offiza gravi li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz skond ma ccertifika Dr Joseph Galea MD tac-Centru tas-Sahha l-Furjana;

b) fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Borg mill-Furjana skond ma ccertifika Dr Joseph Galea MD tac-centru tas-Sahha l-Furjana;
c) fl-istess data cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil xi persuna u cioe' George Borg kontra l-volonta tieghu, jew taw l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata mizmuma jew sekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma, jew sekwestrata giet offiza fuq il-persuna kif ukoll mhedda bil-mewt liema delitt sar ukoll bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra u cioe' l-imsemmi George Borg tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

U ukoll lil Guido Whitelaw wahdu :

(d)Talli f'xi jum matul l-perjodu ta' bejn it-2 ta' Gunju 2004 u x-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
(e) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, hedded serjament lil Nadesh Micallef b'arma tan-nar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Lulju, 2006, li biha wara li rat l-artikoli 216, 86 u 87 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellati hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha w fil-konfront ta' Guido Whitelaw wara li rat ukoll l-artikoli 5, 6, 7, 9, 14, 15, 16, 17 u 18 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin. Fir-rigward tal-appellati Ikhal Haddawi Ismial u Rueben Xuereb wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, illiberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 t'Awissu, 2006, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-appellati ta' offiza gravi skond l-artikolu 216

tal-Kodici w minflok, tinfliggi piena skond il-ligi b'mod li tkun wahda ta' prigunerija effettiva fil-parametri tal-artikolu 216 tal-Kap. 9.

Fliet l-atti kollha processwali,

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti, anke b' dawk il-konsiderazzjonijiet kollha li hadet sabiex tinfliggi l-piena minnha inflitta fuq l-imputati appellati, infliggiet piena li ghandha titqies wahda miti hafna fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Li l-piena stabilita bil-ligi ghall-offiza li taghha l-imputati nstabu hatja hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta'mhux izjed minn tlitt snin. B' dana kollu, kif anke gie ritenut u insenjat minn din il-Qorti, huwa desiderabbli, jekk mhux addirittura rikjest, mill-interessi tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizza, li tigi inflitta piena karcerarja effettiva ghall-kull natura ta' offiza gravi fuq il-persuna. Ghalhekk jezistu r-ragunijiet kollha fil-kawza odjerna ghala din il-Qorti ghandha ghalfejn tirriforma jew tibdel il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena, ossia l-provvediment tal-Qorti li bih ikkundannat lill-appellat Guido Whitelaw ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin u li bih illiberat liz-zewg appellati l-ohra Ikhal Haddaw Ismail u Reuben Xuereb bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlitt snin.

Illi l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"**

[24.4.2003] u ohrajn.) Illi kif kellha okkazzjoni tghid din il-Qorti, dan il-principju japplika ugwalment kemm f’ appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’ appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Illi huwa minnu li bl-emendi ghall-Kodici Kriminali li gew introdotti bl-Att III tas-sena 2002, u partikolarment bl-introduzzjoni tal-art. 413 (1) ( c ), l-Avukat Generali nghata dritt t’ appell b’ mod generali fil-kazijiet kollha li ma jaqghux taht dawk kontemplati fis-sub sub-inciz (b) tal-artikolu 413(1) u dan ovvjament jinkludi appell dwar il-piena, pero’, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu ferm odjuz li l-Avukat Generali, b’ mod selettiv, jirrikorri lil din il-Qorti biex jiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w jitlob piena aktar harxa, kif jidher li sar f’ dan il-kaz.

Kif gja esprimiet ruha din il-Qorti diversi drabi, fejn il-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, ma tkunx ittrattat dwar il-piena w insistiet ghall-applikazzjoni ta’ xi pieni partikolari jew ghall xi doza partikolari ta’ piena w minnflok tkun halliet kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Magistrati, ma hux mistenni li mbaghad, fil-kazijiet li jidhrilha hi, tappella biss fuq il-piena, meta din tkun fil-parametri tal-ligi.

F’ dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Di fatti, l-appellati nstabu hatja ta’ ferita ta’ natura gravi fit-termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u cioe’ tar-reat li hu maghruf bhala offiza *“gravi”* ghad-distinzjoni tal-offiza maghrufa bhala *“gravissima”* fit-termini tal-artikolu 218. Il-piena ghall-dar-reat hi dik ta’ prigunerija minn tlitt xhur sa tlitt snin. Ghar-rigward tal-akkuzi taht l-artikolu 86 il-piena hi minn seba xhur sa sentejn,salvi li bl-applikazzjoni tal-proviso, l-piena tista’ addirittura tkun wahda inqas u cioe’ minn xahar sa tlitt xhur jew il-multa w dik taht l-artikolu 87 hija dik minn tlettax il-xahar sa tlitt snin.Bl-applikazzjoni tal-art. 17 (b) dejjem kien ghalhekk possibbli li tinghata piena li ma teccedix is-sentejn prigunerija.

Ghalhekk f’ dan il-kaz kien decizament possibbli ghall-Ewwel Qorti li tapplika kemm il-provvedimenti kontenuti fl-

artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jew dawk kontenuti fil-Kaptiolu 446 tal-ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt ghamlet.

Ghalhekk mhux il-kaz li l-Ewwel Qorti applikat xi piena jew provvediment li ma setghatx trapplika skond il-ligi.

Il-kwistjoni tibqa' wahda ta' revizjoni tad-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w xejn aktar.

Illi hu minnu li hemm sentenzi ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Kolleggjali) li jghidu li f' kazijiet ta' vjolenza w offizi ghall-persuna ghandu jkun hemm piena karcerarja effettiva. Pero' hu minnu ukoll li dar-rikjam ftit li xejn qed jigi segwit mill-Qrati tal-Magistrati, fejn l-uzu jew l-espedjent konvenjenti tal-uzu tas-sentenza sospiza jew l-applikazzjoni ta' xi provvediment taht il-Kap. 446 hu komunissimu, anki fejn mhux indikat.

Jekk il-legislatur irid jirrestringi l-uzu, uzu zejjed, jew forsi ukoll abbuz minn dawn il-provvedimenti minnu introdotti fl-ahhar snin, ghandu mezzi ohra kif jirrimedja s-sitwazzjoni w dana billi jemenda l-ligijiet b' mod li l-applikazzjoni ta' dawn it-tip ta' provvedimenti mill-Qrati tigi cirkoskritta w ma tithalliex fid-diskrezzjoni tal-Qrati individwali, ghax dan qed iservi biex jaghti lok ghall-applikazzjoni ta' gustizzja priva minn kull xorta ta' uniformita' u certezza u li tiddependi biss mill-fehma soggettiva tal-gudikant individwali.

Kieku l-Avukat Generali kellu jitlob li din il-Qorti tirrivedi kull kaz fejn il-piena jew provvedimenti applikati ikunu miti, jkollu jirrikorri ghal eluf ta' appelli fis-sena. Sakemm dan ma jsirx, kull appell simili li ma jkunx bazat fuq xi zball legali li jkun ittiehed mill-Ewwel Qorti, ikun wiehed selettiv, sporadiku w "at random" u ma jghinx fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Li jrid u hemm bzonn isir *"de lege condenda"* hu li l-ligi tirrestringi l-paramentri vastissimi tal-pieni applikabbli fil-Kodici Kriminali wu fid-diversi ligijiet specjali li jgibu maghhom sanzjoni penali ghall-parametri aktar specifici w identifikabbli, li tigi ristretta l-applikazzjoni tad-

dispozizzjonijiet tal-art. 28A et seq. tal-Kodici Kriminali u tal-Kap.446 u fl-ahhar, izda mhux l-inqas, li tigi formulata "*sentencing policy*" li tkun tirrispondi ghaz-zieda fil-kriminalita' u l-aspetti godda li qed tiehu fiz-zminijiet tal-lum.

Sakemm dan isir, jekk isir, din il-Qorti ser tezercita' l-poteri taghha ta' revizjoni tal-pieni erogati mill-Ewwel Qorti, fuq appelli tal-prosekuzzjoni min decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati, biss fil-kazijiet fejn ikun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, bhal fil-kaz fejn ikunu nghataw pieni inqas minn dawk minimi specifikati fil-ligi meta ma jkunux jikkonkorru l-elementi necessarji ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, u ghal kazijiet fejn, minkejja li l-Prosekuzzjoni tkun insistiet u vverbalizzat li qed tinsisti ghall-applikazzjoni ta' certa piena, l-Ewwel Qorti tiddeciedi xort' ohra. F' dan l-ahhar kaz din l-insistenza ghandha preferibbilment tkun tirrizulta minn talba verbalizzata qabel ma l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Fejn dan ma jkunx irrizulta li sar, bhal fil-kaz in ezami, u/jew fejn il-prosekuzzjoni tkun irrimettiet ruha dwar il-piena, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar il-piena, jekk din tkun wahda li tirrijentra fil-parametri tal-ligi w fejn ikunu legalment applikabbli l-provvedimenti tal-artikoili 28A et seq. tal-Kodici Kriminali u/jew tal-Kap.446. (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Sandro Olivari"; "Il-Pulizija vs. Mario Olivari"; "Il-Pulizija vs. Ryan Ellul" u "Il-Pulizija vs. Aaron John Cauchi"** [6.1.2005])

Inoltre f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti kienet immotivat sew id-decizjoni taghha li tapplika l-provvedimenti tal-art. 28A u tal-art. 22 tal-Kap.446 u ma applikathomx kapriccozament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------